MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 7/2015

**Bank of Valletta p.l.c.**

**(C 2833)**

**vs**

**Stefan Caruana**

**(ID 339985M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar id-9 ta’ Jannar 2015 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ tlett elef, sebgha mija u tlieta u tletin Euro u disghin

centezmu (€3,733.90) rapprezentanti bilanc ta' Consumer Loan Account kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kfi deskritti fl-avviz, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 ta' Lulju 2014 u tal-Mandat ta' Sekwestru ippresentat kontestwalment u bl-imghax mit-14 ta' Novembru 2014 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fid 29 ta' Mejju 2015, saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali Birzebbugia u l-Ghassa tal-Puluzija gewwa Birzebbugia (fol 36 tergo), saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fis 16 ta' Gunju 2015 (fol 32) u fil-gazzetti l-Orizzont tal-25 ta' Gunju 2015 (fol 34) u Malta Independent tal-25 ta' Gunju 2015 (fol 35).

Illi fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2015 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 38).

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2015 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, sebgha mija u tlieta u tletin Euro u disghin centezmu (€3,733.90) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------